MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 614/2002/1

**Anthony sive Twanny u Michelle konjugi Frendo.**

**-vs-**

**Italmal Machinery Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fit-28 ta’ Mejju, 2002 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi fis-26 ta’ Frar 2002, ghal xi l-11.00 a.m., waqt li l-attur Anthony sive’ Twanny Frendo, fuq inkariku tas-socjeta’ konvenuta, kien qed jaghmel xoghol relatat mat-tnehhija ta’

tarmac go Sqaq Nru. 4, Triq Santa Lucija, Naxxar, huwa garrab korriment gravi konsegwenza ta’ incident li sehh waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol tieghu, meta riglu x-xellugija sfat maqbuda u mghaffga minn romblu ta’ magna li gie operat minn haddiem iehor tal-istess socjeta’ konvenuta meta l-guard li jghatti r-romblu ma kienx fil-post;

Illi konsegwenza ta’ dan il-korriment, l-atturi garrbu danni li jigu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament is-socjeta’ konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi s-socjeta’ konvenuta rrifjutat li taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-atturi;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. tillikwida d-danni tal-atturi occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. tikkundannaha thallas lill-atturi dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilhom in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju Nru. 1039/2002 u dawk tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju Nru. 1040/02/AC, u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fl-14 ta’ Lulju, 2003 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta eccepixxiet:

1. Illi s-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda responsabilita’ ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront taghha.

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

3. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Carmel Dimech, I.D. 590856(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Gunju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet is-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob danni li sofra wara ncident li sehh fuq il-post tax-xoghol tieghu mas-socjeta’ konvenuta.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-socjeta’ konvenuta meta gara l-incident li fih wegga. L-incident gara meta l-attur kien qed jahdem fuq tnehhija ta’ tarmak fin-Naxxar; il-makna li fuqha kien qed jahdem flimkien ma’ Ryan Dimech illi huwa wkoll iben id-direttur tas-socjeta’ konvenuta, qabdiltu siequ permezz tar-romblu taghha.

Il-socjeta m’hijiex qed tikkontesta kif gara l-incident izda qed tghid li hija dejjem forniet lill-impjegati taghha bl-apparat necessarju u fil-provi li ressqet ghamlet enfasi fuq il-fatt li l-attur

kien mar jahdem fuq il-lant imsemmi mhux ghax intbaghat minnha izda li mar hemm minn jeddu wara li sfratta (mhux tort tieghu) xi xoghol li kien qed isir f'post iehor minhabba disgwid bejn zewg haddiema ohra.

L-attur xehed fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2004 fejn spjega kif gara l-incident. Qal li meta mar beda jsir ix-xoghol il-makna kien qed ihaddimha Ryan Dimech; kienu qed jadhmu go sqaq; il-makna ghandha l-hekk imsejjah *guard* quddiem is-snien u Dimech dahhal il-makna gos-sqaq u huwa kien qed jaralu d-distanzi. Ghal xi raguni il-*guard* ma tqabbditx u kif gie biex jaqsam minn naha ghal ohra xeghel ir-romblu ghax ma rahx li kien se jaqsam u naqbdet siequ mar-romblu.

Carmelo Dimech xehed fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2005 fejn spjega illi barra li huwa d-direttur tas-socjeta' konventa jiehu hsieb ukoll jibghat il-haddiema fuq il-lant tax-xoghol taghhom. Kif gia' inghad huwa halla lill-attur jahdem fuq lant iehor u meta mar lura ma sab lill hadd; irrizultalu li zewg haddiema kellhom xi jghidu u telqu; ftit wara cempillu ibnu Ryan li nformah bl-incident li gara lill-attur.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>D'Anastasi vs Enemalta Corporation</u> deciza fit-28 ta' Gunju, 2005 qalet;

"*Illum it-tendenza ricenti tal-Qrati taghna, issa msahha wkoll minn legislazzjoni iktar moderna u konsonanti maz-zminijiet hija li hemm kwazi presunzjoni illi ncident industrijali jigri ghax ma kienx hemm a safe system of work...*

*Huwa facli ghal dak li jipprovdi x-xoghol illi jwahhal fl-impjegat ghax uza ghodda mhux koperti minn apparat ta' sigura izda fuq kollox l-impjegat ikun qed jahdem ghall-ahjar ta' min jaghtih ix-xoghol u minnflok ma jgerger u jilmenta mill-ghodda jkun medd idejh ghax-xoghol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wiehed jattribwixxi xi tort lill-attur u nghidulu li kien ahjar li hasel idejh.*"

Dan id-diskors m'huwiex ghal kollox applikabbli ghall-kaz in ezami izda t-tixbieha hija cara; ma tistax is-socjeta' konvenuta twahhal fl-attur ghax dan minnflok ma dabbar rasu u telaq lejn id-dar, wera sens ta' responsabilita' u mar jahdem fuq xoghol iehor mas-socjeta' konvenuta ladarba x-xoghol li kien inkarigat biex jaghmel ma setax isir.

Xhud importanti kien l-inginier Jesmond Silvio li rrediga wkoll rapport a fol 64 tal-process fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta wara l-incident. Dan gara biex ikun jista' jiccertifika li l-makna setghet terga' tintuza. Huwa qal a fol 105 illi *jekk jintuza minn bniedem illi huwa ttrejnjat ghal fuq dan it-tip ta' makkinarju, it was a safe equipment, dejjem jekk jintuza kif suppost jintuza.* Qal li meta ra l-makkinarju l-ewwel darba u cioe' wara l-incident izda qabel iccertifikah, kien irrimarka li l-guard kellu xi materjal mieghu li kien qed izommu milli jiffunzjona kif suppost. Fil-fatt huwa ccertifika l-makkinarju wara li dan tnaddaf.

Mill-provi rrizulta li s-socjeta' konveuta ma thaddimx numru kbir ta' haddiema u wiehed jifhem li din it-tip ta' azjenda ma jkollix il-mezzi li jkollhom azjendi kbar ghal certi mizuri; fl-istess hin pero' l-fatt li thaddem ftit nies ghandu jkun ta' ghajnuna biex tiehu hsieb b'mod komprensiv is-sahha ta' l-istess haddiema fil-qadi ta' dmirijithom bhala mpjegati tal-azjenda. Jidher car ghall-Qorti li f'dan il-kaz din is-socjeta' ma pprovdiet ebda tahrig lil dawn il-ftit haddiema li ghandha fl-uzu tal-makkinarju in kwistjoni. Dan huwa punt li l-inginier Silvio ghamel enfasi fuqu fir-rapport tieghu – u cioe' li huwa importanti hafna li kull min ihaddem dan il-makkinarju kellu jkun imharreg fl-uzu tieghu. *Oltre* dan irrakkomanda li kellhom ikollhom ukoll *adequate safety equipment* li ma jidhirx li kellhom l-attur u Ryan Dimech meta gara l-incident.

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>Schembri vs Caruana nomine</u> deciza fit-12 ta' Jannar, 1983, *employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tieghu hemm perikolu u ma jiehu ebda passi biex*

*jirrimedja ghal dan jesponi ruhu ghall-konsegwenzi legali li johorgu minn dan... l-employer (ghandu jahseb) illi jippjana sew ix-xoghol u jikkunsidra l-fatt li l-istess haddiema gieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xoghol taghhom ta' kull jum.*

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi and Sons Limited deciza fid-9 ta' Ottubru, 2003 *min ihaddem ghandu d-dover li jipprovdi post tax-xoghol li ma jkunx ta' periklu u riskju ghas-sahha ta' l-istess haddiem (ara Bugeja vs Falzon deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deciza fit-30 ta' Mejju, 2002)*

Fil-kaz in ezami l-Qorti hija konvinta li dan ma sarx u l-attur intbaghat jahdem minghajr ma s-socjeta' konvenuta hadet il-prekawzjonijiet biex incident bhal ma gara ma jigrix. Il-haddiema ma tharrgux fl-uzu tal-makkinarju, ma kienx hemm supervizjoni adegwata u ma giex provdut materjal biex jintlibes mill-haddiema meta kien qed jintuza l-istess makkinarju. Ma hemm ebda prova li l-attur b'xi mod ikkontribwixxa huwa stess ghall incident.

Stabbilita r-responsabilita' l-Qorti se tghaddi biex tillikwida d-danni. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* se tadotta l-principju stabbilit fil-kawza Butler vs Heard deciza fl-1967 u f'diversi sentenzi li segwewha. Gie stabbilit mill-espert mediku nkarigat mill-Qorti li l-attur sofra disabilita' ta' sebgha fil-mija minhabba l-incident fl-2002; dak in nhar kellu sitta u tletin (36) sena u kellu paga ta' sebghin Lira Maltin (Lm70) fil-gimgha. Il-Qorti ghalhekk se tilliwikida d-danni a bazi ta' qligh ta' tlett elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600) fuq ghoxrin (20) sena – u dan billi wiehed qatt ma jista' jkun cert li se jibqa' jahdem sa wiehed u sittin (61) sena; il-Qorti m'hijiex pero' se tnaqqas taxxi u kontribuzzjonijiet ghax wiehed hawn jippresumi zidiet fil-pagi fil-futur, ghalkemm meta bdiet il-kawza l-attur kien ghadu disokkupat. Huwa pero' impjega ruhu fil-mori tal-kawza. Dan ghalhekk iwassal ghas-somma ta' hamest

elef u erbghin Lira Maltin (Lm5,040). Il-Qorti, billi ghaddew tlett (3) snin minn meta bdiet il-kawza se tnaqqas ghaxra

fil-mija minflok ghoxrin bhal ma jsir normalment, minhabba l-hekk imsejjha *lump sum payment* u ghalhekk l-ammont jigi erbat elef, hames mija u sitta u erbghin Lira Maltin (Lm4,546). Skond ix-xhieda ta' mart l-attur Michelle Frendo, l-attur tilef cirka tmien (8) xhur beneficcji socjali minhabba d-dewmien tal-konvenuti li jiehdu hsieb jinfurmaw lid-Dipartiment koncernat bit-terminazzjoni ta' l-impjieg minnhabba l-incident. L-ammont ma ssemmiex izda jidher mill-istess deposizzjoni li kien cirka hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25) fil-gimgha. Ghalhekk cirka tmien mitt Lira Maltin (Lm800) – billi dawn huma danni relatati ma' l-incident ghandhom jizdiedu mas-somma msemmija izda ghandhom jitnaqqsu l-erba' mitt Lira Maltin (Lm400) li l-attur ha mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali minhabba l-incident u ghalhekk is-somma finali tigi erbat elef, disa' mija u sitta u erbghin Lira Maltin (Lm4,946).

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u tilqa' t-talbiet kollha attrici u tikkundanna lill-istess socjeta' thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef, disa' mija u sitta u erbghin Lira Maltin (Lm4,946). L-ispejjes tas-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------